ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 29/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 14 ta' Ġunju, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, u permezz ta' Zoom Meeting fl-16:15hrs.

## Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** | |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** | |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** | |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** | *(permezz ta' Zoom meeting)* |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** | *(permezz ta' Zoom meeting)* |

## Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

29.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 28

29.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 28 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

29.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand il-kumitat ta' Kirkop United FC fejn talbu laqgħa mal-Kunsill biex jiddiskutu t-tkabbir tal-*premises* tagħhom.

29.3.1.1 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk huma għandhomx pjanti lesti biex wieħed ikun jista' jiddiskuti aħjar.

29.3.1.2 Is-Sindku qal li ma jafx jekk għandhomx pjanti lesti u għaldaqstant l-aħjar issir laqgħa magħhom biex jaraw eżatt x'qed jaħsbu.

29.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li fir-rigward tal-arkata ta' San Ġakbu mar il-Land Registry u dik l-*area* ma tidher imkien. Hu kompla jgħid li tkellem ukoll mal-Isqof u dan minn naħa tiegħu ser jiċċekkja u jagħtih risposta lura.

29.3.2.1 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk għandniex data meta ser jiġi lura b'risposta.

29.3.2.2 Is-Sindku qal li ser jerġa' jkellmu biex jara jekk għandux xi risposta.

29.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kellu risposta mingħand Infrastracture Malta rigward l-ilment fuq iz-*zebra crossing* fi Triq San Pietru fejn ġie infurmat li din ser tersaq b'metru u nofs.

29.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien qed jiddiskuti ma' tal-irħam rigward l-emblema ta' Ħal Kirkop li ser teħel fir-*roundabout* ta' ħdejn il-mina. Hu qal li qed jipprova jirranġa mal-kuntrattur biex din teħel il-ġimgħa d-dieħla.

29.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu kien iċċekkja ma' Ambjent Malta rigward 'BM-150 – Embellishment of Urban Squares' u dawn infurmawh li huma l-ħsieb tagħhom hu li jħawlu siġar f'*areas* diversi u mhux *embellishment* kif għandu bżonn il-Kunsill.

29.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva Memorandum of Understanding mill-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta rigward Ftehim dwar il-Ħaxix Selvaġġ.

29.3.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-Memorandum u ġie deċiż li dan ma jiġix ffirmat f'dan l-istadju.

29.3.7 Il-Kunsillier Cody Galea ħareġ mil-laqgħa minħabba impenji oħra. Il-ħin f'dan l-istadju huwa l-16:55hrs.

29.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li fir-rigward tal-Community Work Scheme, id-Diviżjoni infurmatna li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop ser tinżamm pendenti għal meta jkun hemm aktar ħaddiema x'jiġu allokati.

29.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Perit kien pprepara l-emendi tal-pjanta tal-kamra tal-għodda għall-bitħa tal-Kunsill.

29.3.9.1 Il-Kunsilliera approvaw il-post fejn ser tiġi din il-kamra u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob lill-Perit jagħmel il-pjanti finali biex tkun tista' tiddaħħal l-applikazzjoni l-Awtorità tal-Ippjanar.

29.3.9.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex tiġi approvata l-ordni biex isiru l-pjanti finali u applikazzjoni għall-kamra tal-għodda, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

29.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tal-Iskema tal-Libreriji mingħand ir-Reġjun Nofsinhar.

## 29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

29.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li irċieva ħafna ilmenti rigward il-*cross roads* fi Triq il-Barrieri għal Triq San Pietru għal Triq Salvu Sacco. Qed ikun hemm ħafna trakkijiet ipparkjati ħażin fil-kantunieri li qed jostakolaw it-traffiku u qed nirriskjaw li jkun hemm xi aċċident ikraħ.

29.4.1.1 Il-Kunsilliera qablu li nitkellmu mal-LESA biex jiġu jaraw din is-sitwazzjoni u jieħdu l-passi meħtieġa.

29.4.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li rċieva lmenti rigward il-parkeġġ ħażin fi Triq Ħal Safi.

29.4.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u raw li f'din it-triq ma hemmx fejn isiru kaxxi għall-parkeġġ u jekk isiru s-sinjali ser jitnaqqas il-parkeġġ. Għaldaqstant ġie deċiż li kollox jibqa' kif inhu.

29.4.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li hemm siġra li qed twaqqa' l-frott fi Triq Valletta.

29.4.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser tinbgħat ittra lis-sid biex jiżbor il-parti tas-siġra li qed tagħti fuq it-triq, 'il barra mill-ħajt.

29.4.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet jekk kienx hemm żviluppi dwar meta ser jibda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kbira.

29.4.4.1 Is-Sindku qal li għalkemm bagħat *email,* għadu ma rċeviex risposta. Il-Kunsill ser ikun qed jerġa' jibgħat *reminder* rigward dan.

## 29.5 Rapport tal-Ilmenti

29.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien kontinwament jirċievi lmenti mingħand residenti fi Triq il-Kbira dwar karozzi pparkjati ħażin li joħolqu problemi kemm għal min jgħix f'din it-triq u kif ukoll għall-vetturi li jgħaddu minn hemmhekk. Peress li t-triq hija *two way* u din it-triq mhux wiesa' ma jistax ikun hemm parkeġġ f'din it-triq.

29.5.1.1 Is-Sindku qal li Triq il-Kbira kienet mal-ewwel fażi tat-toroq iżda kif qal qabel sa issa għad ma għandux ħjiel meta x-xogħol ser jibda.

29.5.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li resident kien tkellem ma' Infrastructure Malta u dawn infurmawh li Infrastructure Malta lesta li tagħmel iż-żebgħa għax għadhom ma jafux meta ser issir it-triq.

29.5.1.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hemm bżonn li jsir it-*traffic management* kemm jista' jkun malajr biex naraw jekk din it-triq issirx *one way*.

29.5.1.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hu ukoll kellu din l-idea u hemm bżonn li jiddiskutu bis-serjeta biex din il-problema tissolva darba għal dejjem.

29.5.1.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li tajjeb li jiġu ppreparati proposti biex issir laqgħa mar-residenti. Biss jidher li parkeġġi ma joqgħodux.

29.5.1.6 Il-Kunsilliera qablu li ser jitkellmu fuqha u jippreparaw proposti.

29.5.1.7 Il-Kunsill ser jinforma lir-resident li ma jistax jitlob li jsiru s-sinjali iżda ser l-Kunsill ser ikompli jinsisti li jingħata indikazzjoni meta ser jibda x-xogħol fuq it-triq.

29.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva ilment rigward nuqqas ta' dawl fi Triq Dun Ġużepp Barbara. Hu staqsa jekk kienx hemm aktar postijiet fejn hemm bżonn jiżdied id-dawl biex tintbgħat *email* lill-Ministru Miriam Dalli b'dawn it-talbiet.

29.5.2.1 Il-Kunsilliera qablu li ser iduru dawra mar-raħal biex jaraw fejn hemm bżonn aktar dawl biex ikun jista' jidħol ma' din it-talba.

29.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva lment rigward parkeġġ tal-muturi fi Triq il-Għasel.

29.5.3.1 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jittieħdu l-qisien ta' dawn il-parkeġġi biex ikunu jistgħu jaslu għal konklużjoni, dwar dawn il-parkeġġi, skont il-linji gwida.

29.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva lment li hemm bżonn ta' aktar bins fi Triq Danny Cremona.

29.5.4.1 Il-Kunsilliera qablu li kien hemm bżonn ta' aktar bins madwar il-lokalità.

29.5.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tiġbor kwotazzjonijiet biex tkun tista' tressaqhom quddiem il-Kunsill.

29.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bqija tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fis-sistema tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 29.6 Dokument - Sejħa għall-Offerti – Knis tat-Toroq

29.6.1 Minħabba li dan l-*item* ma leħaqx ġie diskuss waqt Seduta tal-Kunsill Nru. 28, dan l-*item* ġie mpoġġi fuq l-aġenda ta' din is-Seduta, kif kien maqbul f'minuta 28.5.5.

29.6.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq id-dokument imħejji għas-Sejħa għall-Offerti dwar Knis tat-Toroq quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

29.6.3 Il-Kunsilliera raw id-dokument ppreparat u talbu li jkun hemm xi tibdiliet. Apparti hekk il-Kunsilliera qablu li jiltaqgħu biex jaraw il-programm tal-knis kif kien imħejji mill-Contracts Manager u jiddiskutu miegħu wkoll.

29.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratt preżenti jiskadi fl-aħħar ta' Lulju u importanti li jiddiskutu malajr biex ikun jista' jinħareġ.

29.6.5 Il-Kunsilliera qablu li għadhom mhux lesti li joħorġu dan it-*tender* qabel ma jkunu ddiskutew id-dokument biex jiżguraw li dan ikun ikopri kollox u s-servizz li jingħata jkun wieħed eċċellenti.

29.6.6 Il-Kunsilliera qablu wkoll li sakemm dan it-*tender* jiġi ffinalizzat, il-Kunsill għandu jkompli jaħdem bil-kuntratt preżenti.

29.6.7 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex sakemm tiġi ffinalizzata l-offerta għall-Knis tat-Toroq il-Kunsill ikompli jaħdem bil-kuntratt preżenti, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

29.6.8 Il-Kunsilliera qablu wkoll li l-*Evaluation Committee* għandu jkun fih żewġ persuni minn barra l-Kunsill u żewġ Kunsilliera, liema persuni għad irid jiġu identifikati u maqbula.

## Dokument - Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

29.7.1 Minħabba li dan l-*item* ma leħaqx ġie diskuss waqt Seduta tal-Kunsill Nru. 28, dan l-*item* ġie mpoġġi fuq l-aġenda ta' din is-Seduta, kif kien maqbul f'minuta 28.5.5.

29.7.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq id-dokument imħejji għas-Sejħa għall-Offerti dwar Tabelli u Sinjali tat-Traffiku quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

29.7.3 Il-Kunsilliera raw id-dokument ppreparat u talbu li jkun hemm xi tibdiliet.

29.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratt preżenti jiskadi fl-aħħar ta' Lulju u importanti li jiddiskutu malajr biex ikun jista' jinħareġ.

29.7.5 Il-Kunsilliera qablu li dan it-*tender* għandu jinħareġ meta jkun lest it-*tender* għall-knis tat-toroq.

29.7.6 Il-Kunsilliera qablu wkoll li sakemm dan it-*tender* jiġi ffinalizzat, il-Kunsill għandu jkompli jaħdem bil-kuntratt preżenti.

29.7.7 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex sakemm tiġi ffinalizzata l-offerta għall- Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku, il-Kunsill ikompli jaħdem bil-kuntratt preżenti, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

29.7.8 Apparti hekk, il-Kunsilliera preżenti qablu li l-bord tal-aġġudikazzjoni jkun kompost kif ġej biċ-*Chairman* tal-Bord ser ikun is-Sindku Terence Agius, is-Segretarju tal-Bord ser tkun is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Antonia Demicoli u l-membri ser ikunu l-Viċi Sindku Joseph Schembri, il-Kunsillier John Luke Cassar u l-Kunsillier Cody Galea.

29.7.9 Għal dan il-għan, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-bord tal-aġġudikazzjoni tat-tender għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku ikun kif deċiż f'minuta 29.7.8, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 29.8 Tindif u Manutenzjoni tal-Latrina Pubblika

29.8.1 Minħabba li dan l-*item* ma leħaqx ġie diskuss waqt Seduta tal-Kunsill Nru. 28, dan l-*item* ġie mpoġġi fuq l-aġenda ta' din is-Seduta, kif kien maqbul f'minuta 28.5.5.

29.8.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsill li l-kuntratt tat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrina Pubblika kien skada fl-aħħar ta' Mejju 2021.

29.8.3 Il-Kunsilliera ddiskutew ix-xogħol li qed isir mill-kuntrattur preżenti u qablu li dan qed jagħmel xogħol sewwa ħafna u l-latrina qed tinżamm tajjeb.

29.8.4 Il-Kunsill huwa sodisfatt ferm bix-xogħol li qed jagħmel dan il-kuntrattur u għaldaqstant ġie deċiż li dan il-kuntratt jiġġedded għal sena oħra bl-istess rata.

29.8.5 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-kuntratt tal-Manutenzjoni u Tindif ta' Latrina jiġġedded b'sena jiġifieri sal-aħħar ta' Mejju 2022, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 29.9 GDPR – Data Protection Officer

29.9.1 Minħabba li dan l-*item* ma leħaqx ġie diskuss waqt Seduta tal-Kunsill Nru. 28, dan l-*item* ġie mpoġġi fuq l-aġenda ta' din is-Seduta, kif kien maqbul f'minuta 28.5.5.

29.9.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-kuntratt tad-*Data Protection Officer* kien skada fl-aħħar ta' Marzu 2021 u li d-DPO preżenti kien bagħat kwotazzjoni bi prezz rivedut għal sena oħra, b'effett mill-1 ta' April, 2021.

29.9.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-kwotazzjoni u qablu li l-Kunsill għandu jerġa' jiffirma kuntratt mal-istess *Data Protection Officer* biex ikun hemm kontinwazzjoni tax-xogħol mibdi. Apparti hekk il-Kunsilliera qablu li dan dejjem ta servizz tajjeb.

29.9.4 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex isir kuntratt mad-*Data Protection Officer* bil-ħlas rivedut, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 29.10 Kuntratt ta' Kollaborazzjoni tal-Ġbir ta' Skart Riċiklat

29.10.1 Minħabba li dan l-*item* ma leħaqx ġie diskuss waqt Seduta tal-Kunsill Nru. 28, dan l-*item* ġie mpoġġi fuq l-aġenda ta' din is-Seduta, kif kien maqbul f'minuta 28.5.5.

29.10.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsill li l-kuntratt ta' Kollaborazzjoni tal-Ġbir ta' Skart Riċiklat kien skada f'April 2021.

29.10.3 Is-Sindku Terence Agius informa lis-Segretarju Eżekuttiv li r-Reġjun Nofsinhar kien għaddej b'diskussjonijiet dwar dawn il-kuntratti.

29.10.4 Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tiċċekkja dwar dan mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Nofsinhar u tinforma lill-Kunsill bl-eżitu fil-laqgħa li jmiss.

## 29.11 Kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Goff

29.11.1 Minħabba li dan l-*item* ma leħaqx ġie diskuss waqt Seduta tal-Kunsill Nru. 28, dan l-*item* ġie mpoġġi fuq l-aġenda ta' din is-Seduta, kif kien maqbul f'minuta 28.5.5.

29.11.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Goff kien ser jiskadi f'Ġunju 2021.

29.11.3 Il-Kunsilliera ddiskutew ix-xogħol li qed isir mill-kuntrattur preżenti u qablu li dan qed jagħmel xogħol sewwa ħafna, b'rata tajba ħafna anke meta wieħed jikkonsidra li minn sena u nofs ilu, l-ammont ta' *bulk refuse* żdied aktar mid-doppju meta mqabbel ma' snin preċedenti.

29.11.4 Il-Kunsill huwa sodisfatt ferm bix-xogħol li qed jagħmel dan il-kuntrattur u għaldaqstant ġie deċiż li dan il-kuntratt jiġġedded għal sena oħra bl-istess rata.

29.11.5 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Goff jiġġedded b'sena jiġifieri sal-aħħar ta' Ġunju 2022, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 29.12 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart 2021

29.12.1 Minħabba li dan l-*item* ma leħaqx ġie diskuss waqt Seduta tal-Kunsill Nru. 28, dan l-*item* ġie mpoġġi fuq l-aġenda ta' din is-Seduta, kif kien maqbul f'minuta 28.5.5.

29.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2021. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq l-Ewwel Kwart b'sitwazzjoni finanzjarja tajba.

29.12.3 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2021 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 29.13 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2020

29.13.1 Minħabba li dan l-*item* ma leħaqx ġie diskuss waqt Seduta tal-Kunsill Nru. 28, dan l-*item* ġie mpoġġi fuq l-aġenda ta' din is-Seduta, kif kien maqbul f'minuta 28.5.5.

29.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2020. Dan ir-rapport ġie ppreparat biex ikun jista' jitressaq waqt il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'.

29.13.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien jonqos il-parti li kellha tiġi ppreparata mill-Kunsilliera u fakkret li kull Kunsillier kellu jħejji rapport biex jiġi inkluż ma' dan ir-Rapport Amministrattiv.

29.13.4 F'dan l-istadju il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2020 kif ippreparat mis-Segretarju Eżekuttiv jiġi approvat, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 29.14 Laqgħa Annwali tal-Lokalità 2021

29.14.1 Minħabba li dan l-*item* ma leħaqx ġie diskuss waqt Seduta tal-Kunsill Nru. 28, dan l-*item* ġie mpoġġi fuq l-aġenda ta' din is-Seduta, kif kien maqbul f'minuta 28.5.5.

29.14.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsill li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalità għas-sena 2021 kienet għada ma saritx.

29.14.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu unanimament li għal din is-sena il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità ma ssirx.

## 29.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

29.15.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 115 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

29.15.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 115 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 29.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

29.16.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

29.16.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 8 ta' Lulju, 2021 fis-13:30hrs.

29.16.3 Minħabba li l-ħin tal-laqgħa huwa aktar kmieni minn kif jitlob l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kap 363, Artiklu 43 (3), il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir fis-13:30hrs, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

29.16.4 Il-laqgħa ntemmet fis-19:15hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 8 ta' Lulju, 2021

**Mozzjoni Ref:** 159/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 28.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 160/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-ordni biex isiru l-pjanti finali u applikazzjoni għall-kamra tal-għodda.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 161/21/9

**Mozzjoni:**

Biex sakemm tiġi ffinalizzata l-offerta għall-Knis tat-Toroq il-Kunsill ikompli jaħdem bil-kuntratt preżenti.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 162/21/9

**Mozzjoni:**

Biex sakemm tiġi ffinalizzata l-offerta għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku, il-Kunsill ikompli jaħdem bil-kuntratt preżenti.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 163/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-bord tal-aġġudikazzjoni tat-tender għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku ikun kif deċiż f'minuta 29.7.8.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Ritienne Caruana

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 164/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-kuntratt tal-Manutenzjoni u Tindif ta' Latrina jiġġedded b'sena jiġifieri sal-aħħar ta' Mejju 2022.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 165/21/9

**Mozzjoni:**

Biex isir kuntratt mad-*Data Protection Officer* bil-ħlas rivedut.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 166/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Goff jiġġedded b'sena jiġifieri sal-aħħar ta' Ġunju 2022.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 167/21/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2021 jiġu approvati.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 168/21/9

**Mozzjoni:**

Biex ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2020 kif ippreparat mis-Segretarju Eżekuttiv jiġi approvat.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 169/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 115.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 170/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir fis-13:30hrs.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 14 ta' Ġunju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**